# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Diċembru, 2019.**

**Numru 4**

**Rikors numru 284/06 LSO**

**Nazzareno *sive* Leslie Cardona**

**v.**

**Massimo u Maria Sonia konjuġi Żahra**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-attur Cardona minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Settembru, 2014, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata"), li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet limitatament it-talbiet tiegħu billi ikkundannat lill-imħarrek Massimo Żahra jħallsu s-somma ta' disat elef ħames mija u ħamsin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmi (€ 9,550.43) li minnhom is-somma ta' seba' mija u tmenin euro u ħamsa u tletin ċenteżmi (€ 780.35)

biss imisshom jitħallsu mill-imħarrkin miżżewġin Żahra solidalment bejniethom, flimkien mal-imgħax legali b'seħħ mill-21 ta' Novembru, 2005, sal-jum tal-ħlas effettiv. Ordnat ukoll li l-ispejjeż tal-kawża jħallashom l-imħarrek Massimo Żahra;

2. Dik il-Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li ħadet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

*"Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attur qed jagixxi ghar-restituzzjoni ta' self brevi manu li avvanza lill-konvenuti abbazi ta' skrittura privata datata nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu 2005,*[1] *kif ukoll minhabba ammonti ohra ta' self somministrati wara din l-iskrittura. B'kollox l-attur jippretendi r-restituzzjoni tas-somma bilancjali ta' Lm10,339, pari ghall-erbgha u ghoxrin elf, u tlieta u tmenin ewro u erbghin centezmu (€24,083.40) flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data ta' ittra ufficjali mibghuta lill-intimati, cioe` mill-21 ta' Novembru 2005. Jitlob ukoll li l-intimati jigu kkundannati li jhallsu din is-somma hekk mitluba solidalment bejniethom.*

*"Il-konvenuti opponew ghat-talbiet kif dedotti in kwantu li jsostnu li l-ammont pretiz jikkontjeni element qawwi ta' imghax. Huma jghidu li s-self kien originarjament ta' Lm3,500. L-intimata Maria Sonia Zahra eccipiet ukoll li ma tatx il-kunsens taghha ghal dan is-self, u li ma jorbotx il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn zewgha. Ghalhekk issostni li d-dejn in mertu mhuwiex dejn tal-komunjoni tal-akkwisti imma huwa ezegwibbli fuq il-proprjeta` parafernali ta' Massimo Zahra.*

*"**RIZULTANZI***

*"Il-Qorti tibda' minnufih biex tikkonstata li mill-provi prodotti mhix konvinta li l-attur irnexxielu jipprova self fl-ammont kollu pretiz sal-grad rikjest mil-Ligi.*

*"L-ikbar distakk bejn il-kontendenti jindirizza s-self allegat li sehh wara l-iskrittura privata. L-attur jishaq li ghadda diversi somom lill-konvenut. L-uniku prova li ressaq, apparti x-xhieda tieghu stess, in sostenn ta' dan is-self huma kopji ta' cekkijiet bankarji (fol 5-7) li ma ssarfux. Dawn inhargu mill-intimat u l-attur isostni li nhargu ghas-somom li avvanzalu. Il-Qorti tqis li dawn ic-cekkijiet jistghu daqstant jippruvaw li inhargu b'riferenza ghas-somom mislufa bl-iskrittura.*

[1] Ezebit a fol. 4 tal-process.

*"Ikkonsidrat li x-xhieda ta' bint l-attur, Pamela Borg hija detto del detto u mhix xhud dirett ta' versamenti ta' flejjes u ta' xi ftehim verbali bejn il-kontendenti.*

*"Wara li ezaminat u evalwat il-provi, kif gja imsemmi, din il-Qorti ma tistax takkolji d-domanda attrici fl-ammont shih mitlub u dan abbazi tal-kriterji ta' kredibbilta' u l-verosimiljanza li huma mehtiega biex jitnisslu f'mohh il-gudikant ic-certezza morali dwar il-korrettezza tal-apprezzament tieghu. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabbiltajiet. Mera possibbilta` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilta` civili. (***Caruana vs Laurenti** *– Prim`Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994;* **Borg vs Manager ta` l-Intrapriza tal-Halib** *– Prim` Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981;* **Vassallo vs Pace** *– Vol. LXX.II.144 u* **Zammit vs Petrococchino** *– Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952;* **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et** *(P.A. (NC) – 28 ta' April 2004;* **Eucaristico Zammit v. Eustrachio Petrococchino***, Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952;* **Paul Vassallo v. Carmelo Pace***, Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986).*

*"In tema legali, jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli, dan jiffavorixxi l-intimat in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa r-rikorrent li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fir-rikors. Tajjeb li qabel xejn jigi puntwalizzat il-principju illi l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah.*

*"Stabbiliti dawn il-principji, l-Qorti ser tibda biex tindirizza t-talba ghall-hlas tal-ammont ta' Lm5,400 in esekuzzjoni tal-iskrittura privata esebita.*

*"**<u>L-Iskrittura tad-29 ta' Marzu 2005</u>***

*"Mhuwiex ikkontestat li l-intimat Massimo Zahra silef [recte: ssellef] flus minghand l-attur. Huwa in kontestazzjoni l-ammont misluf u l-obbligazzjoni in solidum tal-intimata.*

*"L-attur esebixxa skrittura privata redatta min-Nutar Eugene Montanaro, kkonfermata minnu, kif ukoll mill-imsemmi Nutar, u mill-istess intimat. Il-kliem tal-ftehim huma cari u inekwivoci (contra scriptum testimonium non fertur)[2]. Il-principji legali in tema tal-istitut tal-kuntratti huma stabbiliti fil-gurisprudenza taghna u ftehim kontrattwali jitqis li jivvinkola lill-partijiet - "pacta sunt servanda" kif enunzjat bl-***art. 992 tal-Kodici Civili ta' Malta.** *Il-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress li ghandha tipprevali u trid tigi osservata.*

[2] App Civl - 26 ta` Mejju 1952 fil-kawza "***Morana vs Spiteri et***."

*“(Ara in tema legali: **Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et** - deciza nhar it-30 ta’ Mejju 2002 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili; **Onor. Edgar Cuschieri nomine vs Perit Gustavo R. Vincenti** - deciza nhar it-13 ta’ Frar 1950 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell; **Eric Schembri et nomine vs Lewis Baldacchino -** deciza nhar il-11 ta’ Novembru 1997 mill-Qorti tal-Appell; **Frank Salt Real Estate Limited vs Edward Anthony Ellul Sullivan f’ismu proprju u in rapprezentanza tas-socjeta` Sullivans Limited** - deciza nhar it-8 ta’ Jannar 2010 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell).*

*“Izda hawnhekk l-intimati eccipew li l-ammont misluf kien Lm3,500 u li l-ammont in mertu jikkontjeni element qawwi tal-imghax. L-uzura, jekk hi ppruvata, isservi biex tizvinkola lid-debitur mill-eccess. Izda l-intimati, li fuqhom jinkombi l-piz tal-prova tal-uzura, ma ressqu l-ebda prova in sostenn tal-eccezzjoni taghhom.*

*“Il-Qorti issa ser taghmel dawn l-osservazzjonijiet fattwali. Jirrizulta mhux ikkontestat li l-intimat kellu problemi finanzjarji u kien waqa' f'cirku vizzjuz ta' self li ma setax johrog minnha. Izda minn imkien ma jirrizulta li l-attur kien partecipi f'din is-sitwazzjoni ta' uzura u vizzju li nstab fiha l-intimat. Anzi, ghal kuntrarju, selfu l-flus biex jghinu jitbieghed mis-self bl-uzura abbazi tar-relazzjoni ta' hbiberija li kien hemm bejniethom. L-intimat kien fittex l-ghajnuna minnghand Caritas, imma dan kien riferibbilment ghal xi self li kien ha minn persuna ohra u mhux mill-attur.*

*“Mhuwiex ikkontestat li l-intimata, martu, kienet taf b'dan il-vizzju ta' zewgha u li l-attur kien anke silef flus ghall-uzu taghha u ta' ommha.*[3] *Izda baqghet passiva u kien biss fis-sena 2006 li l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni tal-beni (fol. 157).*

*“Il-Qorti hawnhekk tosserva li l-intimat ma kien xejn felici fix-xhieda tieghu dwar l-ammonti mislufa.*

*“Xehed (in* **kontro ezami)** *li fir-rigward l-iskrittura li saret quddiem in-Nutar, kien inghata Lm3,500 izda l-ammont li tnizzel kien ta’ Lm5,400.*

*“Sussegwentement fl-ahhar tas-seduta tal-hdax ta’ Novembru 2011, quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dottoressa Yvette Cassar (fol. 118), xehed hekk "Qed nigi mistoqsi x'naf kemm ghandi naghtih b'kollox lis-Sur Leslie Cardona nghid li ghamilt il-kuntratt mieghu kif diga semmejt ta' Lm5,400 u naf li kien tani wkoll l-ammont ta' Lm3,500. Jigifieri dawk huma l-ammonti li ghandi naghtih."*

*“Din l-istqarrija ghandha l-apparenza ta' kontradizzjoni izda din il-Qorti mhiex ser tqisha bhala ammissjoni da parti tal-intimat li rcieva l-ammont ta' Lm3500 b'zieda mas-self indikat fil-kuntratt. L-ammont ta' Lm3500 huwa l-istess ammont imsemmi konsistentement fil-linja difensjonali tieghu bhala s-somma li realment rcieva f'idejh minghand l-attur u fid-*

[3] Ara xhieda ta' **Pamela Borg,** bint il-kontendenti.

*dawl tas-sottomissjonijiet tal-konvenut, il-Qorti ser tapplika d-dubbju favur l-istess debitur.*

*“Madanakollu, id-debitur ma rnexxielux jipprova l-element ta' uzura fl-iskrittura.*

*“Huwa minnu li kien hemm zball fl-ammont ta' Lm5,400 li l-attur stess ammetta meta xehed li l-ammont korrett hu Lm5,000 (Lm4,000 qabel l-iskrittura u Lm1,000 mal-iffirmar tal-iskrittura). Izda ma hemm xejn li jindika li anke s-somma ta' Lm5000 kienet karpita b'imghaxijiet eccessivi.*

*“Fid-dawl tal-premess il-Qorti tqis li l-ammont misluf bl-iskrittura kien ta' Lm5,000.*

*“L-attur xehed li minbarra il-flus migbura fl-iskrittura, l-intimat kellu jaghtih ammonti kbar ta’ flus ohra li kienu jammontaw ghal xi sitt elef Lira Maltin (Lm6,000). Ta’ dawn ma kienux iffirmaw skrittura. L-ispjegazzjoni li jaghti l-attur huwa li ma semma' xejn fl-iskrittura peress li kellu fil-pussess tieghu kopji ta’ cekkijiet li ma ssarfux, li jinsabu ezebiti a fol. 5 sa 7 tal- process. "Nghid li minbarra daw il-Lm5,000 li kellu jaghtini Massimo Zahra, precedentement ghal dan l-ammont kellu jaghtini ammonti ta' flus li kienu kbar. Nghid li kienu jammontaw ghal kwazi Lm6,000 apparti dawn il-Lm5,000."*

*“Il-Qorti hija perplessa b'din it-testimonjanza li kkrejat tahwid fl-apprezzament tal-kaz.*

*“Fir-rikors guramentat hemm premess hekk:*

*"Illi <u>sussegwentement</u> ghall-iskrittura datata 29 ta’ Marzu 2005, l-attur amministra sommom ulterjuri ta’ flus lill-konvenuti kongunti Zahra, li ghal liema sommom ta’ flus l-istess konvenuti kongunti Zahra kienu amministraw diversi cekkijiet bankarji". (enfasi tal-Qorti).*

*“Il-Qorti trid toqghod fuq il-premessa kif stradata fic-citazzjoni li ssawwar il-pern u l-bazi tat-talbiet attrici. Il-kontradizzjoni tal-attur twaqqa' l-bazi tal-istess talba tieghu.*

*“Inoltre huwa ferm inverosimili li kreditur li jiehu l-isbrigu biex jittraxxina d-debitur tieghu ghand nutar biex jirregola s-self dovut b'kitba ma jigborx f'dik il-kitba l-ammonti kollha dovuti -carpe diem. Din il-konfuzjoni hija aktar manifesta fl-istqarrija tal-attur li fix-xhieda tieghu[4] jghid "Fil-verita' hu kellu jaghtini Lm4,000 <u>li kont selliftu precedentement</u> u Lm1,000 li kont ser naghtih dak iz-zmien u dawn kienu jammontaw kollox ghal Lm5,000 (enfasi tal-Qorti). Hu ragjonevoli li din is somma ta' Lm4,000 tirrifletti t-totalita` ta’ dejn pendenti sad-data tal-istqarrija.*

---

[4] Seduta tad-19 ta' Ottubru 2007 a fol. 31

*"L-intimat issottometta, tramite d-difensur tieghu, li c-cekkijiet ma jistghux jikkonfortaw it-tezi tal-attur ghaliex kienu inhargu bhala garanzija ghall-ammont misluf bl-iskrittura. Ic-cekkijiet marbutin ma' ammont iehor imhallas minn mart l-attur, jittendu biex jikkoroboraw it-tezi tal-intimat.*

*"**Kopji ta' Cekkijiet Esebiti***

*"Ghall-korrettezza tinnota li l-ammonti ndikati fic-cekkijiet esebiti jammontaw ghal Lm4,400 (eskluz cekk ta' Lm910 li nhareg fis-sena 2001, u allura irrilevanti ghall-kaz odjern). Izda jekk wiehed izid ma dan l-ammont is-somma ta' Lm900 imhallas mill-intimata f'Jannar 2006 javvicina l-ammont tal-ftehim ta' self.*

*"Ic-cekkijiet esebiti jikkonsistu fis-segwenti:*

*"- 6 cekkijiet fl-ammont ta' Lm300 il-wiehed datati rispettivament fl-ahhar tax-xhur ta' Settembru, Ottubru Novembru, Dicembru 2005 u ta' Jannar u Frar 2006 mahrugin mill-intimat. Fuq dan ta' l-ahhar ma hemm xejn x'jindika li ma giex sbankat.*

*"- Cekk ta' Lm1,300 datat l-20 ta' April 2005;*
*"- Cekk ta' Lm1,300 iffirmat minn Keith Attard datat is-7 ta' Ottubru 2005.*

*"Riferibbilment ghac-cekk mahrug minn **Keith Attard**, dan xehed li huwa cekk mahrug minnu, peress li kien qed jirranga d-dawl u l-ilma fil-post tieghu u Massimo Zahra kien se jaghmillu xi xoghol fil-post tieghu. Hallsu minn qabel izda x-xoghol baqa' ma sarx u zamm il-hlas.*

*"Ic-cekkijiet kollha l-ohra ma setghux jissarrfu mir-rikorrent ghaliex ma kienux koperti mill-kont u eventwalment ghar-raguni li naghlaq il-kont.*

*"Fid-dawl tal-premess, il-kopji tac-cekkijiet esebiti mhumiex prova favur it-tezi tar-rikorrent li nghataw biex ikopru flejjes ohra mislufin qabel l-iskrittura u huma prova biss li l-attur ma thallasx tal-ammonti mnizzla fic-cekkijiet. Jista' jkun li l-intimat hareg post dated cheques u effettivament is-sitt cekkijiet fl-ammont ta' Lm300-il wiehed jindikaw ripagamenti mensili ta' parti mis-somma mislufa.*

*"Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tqis li l-ammont ta' self ippruvat huwa ta' Lm5,000 u cioe` €11,646.87.*

*"Fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, tqis li l-intimati ma ppruvawx li kien hemm element ta' uzura fis-self in mertu u kemm **l-ewwel kif ukoll it-tieni eccezzjonijiet qed jigu michuda.***

*"**It-Tielet Eccezzjoni***

*"L-intimati eccepew li s-self in kwistjoni sar minn Massimo Zahra minghajr il-kunsens ta' martu Maria Sonia Zahra u kwindi kwalunkwe ammont li jirrizulta dovut ghandu jigi dikjarat illi m' huwiex dejn tal-komunjoni tal-akkwisti izda dejn ezegwibbli fuq il-proprjeta` parafernali ta' Massimo Zahra.*

*"Skont l-**artikolu 1322(3)(f) tal-Kodici Civili** ccitat mill-intimati self ta' flus, barra minn depożitu ta' flus f'kont huwa atti ta' amministrazzjoni straordinarja li jehtieg il-kunsens tal-mizzewga flimkien biex jorbot lill-komunjoni tal-akkwisti.*

*"Madanakollu l-ligi stess tohloq eccezzjoni ghall-"atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni" (**Artikolu 1324 tal-Kodici Civili).** Dan l-artikolu "ma japplikax ghal kull att tal-kummerc kif definit mill-Kodici tal-Kummerc izda kien japplika biss fil-kaz ta' persuna li tkun qed tezercita kummerc, negozju jew professjoni bhala attivita` ekonomika u li fiha l-kuntrattazzjoni taht ezami setghet tinkwadra ruhha bhala att normali tal-gestjoni taghha" ("**Grazio Patiniott et -vs- Anthony Cini et**", Appell, 5 ta' Ottubru 2001). Bl-**artikolu 1324 tal-Kap 16,** ghalhekk, il-komunjoni tintrabat fil-konfront tat-terz, anke meta att straordinarju jsir minn konsort wiehed biss, basta li jkun att "normali ta' gestjoni ta' kummerc". (Vide wkoll **Claudette Gauci -vs- Paolo Bonnici Limited et,** PA per Imhallef Tonio Mallia deciza fid-9 ta Ottubru 2003). F'tali kaz it-terz kreditur jista' idur fuq l-assi tal-komunjoni u, in subordine jdur fuq il-beni personali ta' dak biss fost il-konjugi li ghamel in-negozju u ndahal fir-responsabbilta` kontrattwali diretta. Il-mara, il-konvenuta f'din il-kawza, hija responsabbli sal-konkorrenza ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti jekk is-self hu kkonsidrat bhala "att normali ta' gestjoni tal-kummerc".*

*"L-intimat xehed li kien fin-negozju ta' airconditioners u li kien ha kuntratt ghall-Waterfront. Dan jirrizulta mid-dokument mahrug mill-ETC li juri l-employment history tieghu bhala airconditioning contractor (**DOK MS2** a fol 139). Qal li kien hemm xi airconditioners ghall-bejgh u ma kellux finanzi bizzejjed u l-attur silfu flus ghal dan l-iskop fiz-zewg okkazzjonijiet li nxtraw l-airconditioners. "Kien hemm xi 6 airconditioners fl-ewwel okkazzjoni u fit-tieni okkazzjoni kien hemm 12-il airconditioner."*[5]

*"Harsa lejn id-dokument **CN2** esebit mill-attur a fol. 39 li pprepara l-attur stess biex jigbor l-ammonti kollha minnu pretizi*[6] *juri li hemm rapportat is-segwenti somom allegatament mislufa:*

| | |
|---|---|
| *"3 air conditioners 12 BTU* | *Lm 465* |
| *"2 air conditioners 18 BTU* | *Lm 460* |
| *"1 air conditioner 24 BTU* | *Lm 310* |
| | *Lm1,235* |

[5] Fol.128 tal-process.
[6] Datat il-15 ta' Novembru 2005

*“Ghalkemm l-intimat ma ffirmax dan id-dokument, dak fuq rapportat hu korroborat bix-xhieda tieghu.*

*“Din il-Qorti hi konvinta li self maghmul ghall-iskop tan-negozju ta' airconditioners gestit mill-intimat jaqa' fil-parametri ta' att normali ta' gestjoni ta' kummerc' kif trid il-ligi. Izda ma hemm l-ebda prova li l-istess jista' jinghad ghall-ammont kollu misluf. Din il-prova kienet tinkombi fuq ir-rikorrent gjaladarba ittenta l-kawza anke fil-konfront tal-mara tad-debitur tieghu fejn din ma ffirmatx l-iskrittura de quo jew ma kinetx konsenzjenti ghas-self. Xejn ma jiswa li ffirmat cekk ghall-pagament wiehed ghaliex id-dejn jista' jithallas minn terzi persuni u f'dan il-kaz ir-rikorrent ma jistax jargumenta li l-intimata assumiet ir-responsabbilta` ghad-dejn flimkien ma zewgha.*

*“Min-naha l-ohra, filwaqt li hu minnu li l-intimati rregolaw ir-regim patrimonjali taghhom b'kuntratt ta' separazzjoni tal-beni in atti tan-Nutar Dottor Rachel Mallia (**DOK MSS)**, dan jgib id-data tat-30 ta' Jannar 2006 u jsir bla hsara ghad-drittijiet ta' terzi akkwisti qabel ir-registrazzjoni tal-istess Att. Ghalhekk ma johloqx stat ghar-rikorrent li jista' jdur kontra l-assi tal-komunjoni, inkluz dawk li gew assenjati lill-intimata, biex jissoddisfa l-kreditu antecedenti tieghu.*

*“Rigward ir-responsabbilta' solidali tal-mizzewgin ghad-djun tal-komunjoni tal-akkwisti il-Qorti tabbraccja l-insenjament moghti fil-kawza fl-ismijiet **Carmel sive Charles Sciberras v Yossef u Romina Rhouri** (App. Civili (Inf.) nru 81/2003/1 - dec. fid-9 ta' Novembru 2005) fejn il-Qorti irribattiet li:*

*"Taht ir-regim matrimonjali taghna l-unika deroga fejn ma jistax jinghad li tezisti din is-solidarjeta` huwa l-kaz kontemplat fl-Artikolu 1329 (1) tal-Kapitolu 16, u cjoe fir-rigward ta’ djun li jsiru minn xi hadd fost il-konjugi u li ma jitbatewx mill-komunjoni ta’ l-akkwisti ".*

*“Ghalhekk tikkonsidra li l-intimata hija responsabbli solidalment ma' l-intimat favur ir-rikorrent ghall-imsemmi dejn.*

*“Id-dejn li jorbot il-komunjoni kif fuq spjegat qed jigi hawn likwidat fl-ammont ta' **Lm1,235**.*

*“**Pagament akkont***

*“Fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2012 mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjarja, l-intimat esebixxa **DOK MSI** (fol. 138) konsistenti f'kopja ta' Draft Bankarju mahrug akkont ta' Maria Sonia Zahra favur r-rikorrent fl-ammont ta' Lm900. Dan igib id-data ta' 31 ta' Jannar 2006. Ghalkemm dan id-dokument mhuwiex mahluf minn rapprezentant bankarju, l-attur ma kkontestahx u din il-Qorti ma nghatatx raguni biex tiddubita mill-validita` tieghu u ser tilqghu bhala prova ta' hlas akkont.*

*"In kwantu li dan il-hlas sar mill-intimata, hija ragjonevoli, gust u ekwu li din tigi addebitata ghad-dejn tal-komunjoni li per konsegwenza jonqos ghall-Lm335 pari ghal €780.35. Dan l-ammont ta' €780.35 li hu l-ammont bilancjali li jorbot lill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-konjugi Zahra u per konsegwenza lill-intimata in solidum ma' zewgha.*

*"**Likwidazzjoni Finali***

*"Dan kollu premess il-Qorti qed tilqa' t-talbiet attrici fl-ammont totali ta' Lm5,000 li minnu thallas akkont Lm900, biex b'hekk l-ammont finali hu ta' Lm4,100 ekwivalenti ghal - €9550.43 u qed **tilqa'** it-tielet eccezzjoni tal-intimati biss fis-sens li l-intimata hija responsabbli solidalment ma' zewgha ghall-hlas tad-dejn limitatament fl-ammont ta' €780.35.*";

3. L-attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza appellata u b'Rikors tal-Appell imressaq minnu fl-20 ta' Ottubru, 2014, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet attriċi fl-intier tagħhom, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellati;

4. L-imħarrkin (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellati") laqgħu għall-appell b'Risposta mressqa fid-19 ta' Novembru, 2014, u li biha u għar-raġunijiet imfissrin minnhom, qalu li s-sentenza appellata hija tajba u jixraq li din il-Qorti tikkonfermaha għal kollox;

5. B'digriet tal-11 ta' Ġunju, 2019, din il-Qorti ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali li jagħmel tfittxija għall-proċess ta' l-ewwel istanza, billi dan ma kienx disponibbli għal din il-Qorti. B'degriet ieħor tat-2 ta' Lulju, 2019, u wara li r-Reġistratur ressaq Nota fl-1 ta' Lulju, 2019, biex

jgħarrafha li l-proċess tal-kawża baqa' ma nstabx, din il-Qorti ordnat lill-partijiet biex jirrikostruwixxu l-proċess bl-aħjar mod possibbli;

6. B'Nota mressqa mill-appellati fit-13 ta' Awwissu, 2019, saret ir-rikostruzzjoni tal-atti proċesswali tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-22 ta' Ottubru, 2019;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Rat li l-appell tħalla għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

10. Illi din il-kawża tirrigwarda r-radd lura ta' flus mislufa fuq l-idejn u li, dwar biċċa minnhom, kienet saret kitba privata ta' kostituzzjoni ta' debitu. Il-qofol tal-kwestjoni hija dwar kemm kien tassew l-ammont misluf *brevi manu* mill-appellant, kemm tħallas lura minnu u min għandu jħallas lura l-bilanċ dovut, ladarba l-imħarrka appellata ma kinitx intrabtet bil-kitba msemmija;

11. Illi l-**aggravji** tal-appellant jikkonsistu filli (i) l-ewwel Qorti naqset li tqis il-provi u x-xhieda mressqin minnu sewwa u f'kollox; u (ii) l-appellata Maria Sonia Żahra nħelset kważi għal kollox mir-rabta tagħha ta' debitriċi tiegħu;

12. Illi għar-rigward tal-**ewwel aggravju** l-appellant jgħid li fis-sentenza appellata jirriżultaw argumenti kontrastanti fil-kunsiderazzjonijiet magħmulin mill-ewwel Qorti, b'mod li dikjarazzjoni ċara magħmula mill-appellat u msemmija saħansitra fis-sentenza appellata nnifisha twarrbet mill-ewwel Qorti li sabet li l-ammont li tassew kien misluf lill-appellat kien anqas minn dak li jissemma fil-kitba ta' kostituzzjoni ta' debitu. Huwa jżid jgħid li, ladarba l-appellati ma attakkawx il-veraċità tal-kitba, ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex l-ewwel Qorti warrbet dak li jingħad fiha u għażlet li tqis li l-ammont misluf kien ammont anqas minn dak li jissemma f'dik il-kitba. Dwar il-kredibilità tax-xhieda mressqa minnu, l-appellant jgħid li l-ewwel Qorti ma qisithomx u dan minkejja li l-appellati lil ħadd minnhom ma tellgħu fil-kontro-eżami biex iwaqqgħu dik ix-xhieda tagħhom;

13. Illi għal dan l-aggravju l-appellati jwieġbu li dan jissejjes għal kollox fuq l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti u għalhekk, skond ir-regola ġenerali, din il-Qorti ma għandhiex tintalab biex hija twettaq eżerċizzju ġdid ta' apprezzament tal-istess provi li kellha quddiemha l-

ewwel Qorti. Ir-raġunament tal-ewwel Qorti ma kienx la arbitrarju u lanqas superfiċjali u kien l-istess appellant li wera li lanqas hu ma kien ċert x'kien l-ammont li silef lill-appellat;

14. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa tassew mibni fuq l-apprezzament li l-ewwel Qorti għamlet tal-fatti u l-provi li kienu tressqu quddiemha mill-partijiet. Kif ingħad bosta drabi, din il-Qorti tagħraf li bħala regola m'għandhiex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi jew ta' min imissu jitwemmen. F'ċirkostanzi bħal dawn, sakemm l-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi fattwali li jsir mill-ewwel Qorti ma jkunx fid-dieher wieħed irraġonevoli, din il-Qorti ma tindaħalx biex tgħid x'kienet taħseb hi jew jekk l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti kinitx tagħmlu bħalha[7]. Madankollu, huwa minnu wkoll li din il-Qorti (diversament komposta) qalet li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat*

[7] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius vs Piju Theuma***

*irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[8]. B'żieda ma' dan ingħad ukoll li: "*Il-Qorti tal-Appell ma tistax tissostitwixxi dak il-konvinċiment morali b'konvinċiment morali ieħor kuntrarju jew oppost. Dan mhuwiex il-kompitu ta' Qorti ta' Appell; il-funzjonijiet u d-doveri ta' din il-Qorti huma oħra; huma ta' natura purament oġġettivi fis-sens li kontra dak il-konvinċiment morali soġġettiv tat-Tribunal li jkun sema' l-provi u wisinhom għandha topponi elementi oġġettivi ta' prova, jew inkella ta' dritt li jiġġustifikaw lil din il-Qorti, minħabba l-komposizzjoni plurali tagħha, li fuq dawk l-elementi oġġettivi hi tgħaddi biex tħassar jew telimina l-konvinċiment morali soġġettiv tal-ewwel ġudikant, imma mhux altrimenti*" [9];

15. Illi b'żieda ma' dan, f'każ fejn qorti jkollha quddiemha verżjonijiet li ma jaqblux ma' xulxin, ingħad li huwa u jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka.[10] Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi

---

[8] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar vs L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***
[9] App. Ċiv. **7.7.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Av. Dr. Henry Mamo noe vs Josephine Carol Farruġia***
[10] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***

tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka[11]. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha.[12] Huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[13] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[14];

16. Illi meta wieħed jifli l-provi mressqa u jqabbilhom mal-kunsiderazzjonijiet li wettqet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, wieħed għandu jasal għall-fehma li l-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi mwettaq minn dik il-Qorti ma fih xejn illoġiku jew irraġonevoli. Terġa' u tgħid, mill-atti tal-kawża jidher ċar li, wara li l-ewwel Qorti fehmet li l-kwestjoni ewlenija fil-kawża kienet waħda ta' kredibilità, dik il-Qorti għażlet li tisma' hi x-xhieda kemm tal-appellant[15] u kif ukoll tal-appellat[16], qabel ma għaddiet għall-għoti tas-sentenza appellata, u dan minkejja li l-istess partijiet kienu diġà xehdu quddiem Assistant Ġudizzjarju maħtur minn Qorti diversament presjeduta;

---

[11] App. Ċiv. **31.5.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppa sive Josephine Camilleri et vs John Camilleri et***
[12] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[13] Art. 562 tal-Kap 12
[14] Art. 559 tal-Kap 12
[15] Xhieda tiegħu f'paġġ. 174 sa 185 tal-proċess (rikostruwit)
[16] Xhieda tiegħu f'paġġ. 186 – 9 tal-proċess (rikostruwit)

17. Illi, bħall-ewwel Qorti, din il-Qorti tqis li x-xhieda mogħtija mill-appellant kienet toħloq dubji li jdallmu saħansitra dak li jissemma fil-kitba privata ta' kostituzzjoni ta' debitu magħmula f'Marzu tal-2005. Kif qalet ukoll l-ewwel Qorti, l-appellant naqas li jipprova fi grad tajjeb mistenni minnu f'azzjoni bħal din l-ammonti li tassew kien silef lill-appellat. Jirriżulta wkoll li kienu saru xi ħlasijiet lura mis-somom mislufa, qabel ma l-ħlas twaqqaf u wassal għall-ftuħ tal-kawża u l-appellant baqa' donnu ma ikkunsidrahomx meta baqa' jtenni l-fehma tiegħu dwar l-ammont pretiż f'din il-kawża;

18. Illi din il-Qorti reġgħet fliet il-provi mressqa u x-xhieda mogħtija u ma ssibx li hemm raġunijiet tajbin biex issib li l-eżerċizzju tal-apprezzament tagħhom magħmul mill-ewwel Qorti kien maħkum minn proċess evalwattiv imxaqleb jew difettuż. L-ewwel Qorti għarfet is-siwi li l-ftehim jorbot lill-partijiet u li qajla wieħed jista' jwaqqa' dak li hemm miktub bi prova kontra dak miktub. Madankollu, qieset ukoll il-qafas taċ-ċirkostanzi li kienu jinsabu fihom l-appellati u dawk li rabtuhom mal-appellant u ċirkostanzi oħrajn imnissla mill-provi mressqin mill-appellant innifsu, u din il-Qorti hija tal-fehma li kienu raġonevolment iwasslu għall-istess konklużjonijiet li waslet għalihom l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Dan jingħad kemm għal dak li jirrigwarda l-ammonti mislufa u kif ukoll għall-allegazzjoni tal-appellati li s-somma pretiża kienet imtebba' bl-użura;

19. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-ewwel aggravju tal-appellant mhux sejjer jintlaqa';

20. Illi fit-**tieni aggravju tiegħu** l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ħelset lill-appellata Maria Sonia Żahra mir-rabtiet tagħha miegħu. Huwa jgħid li mhux biss l-appellata ma resqitx biex tixhed f'din il-kawża, imma l-ewwel Qorti ma jidhirx li tat każ ta' provvediment li kien ingħata mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Ġunju tal-2006[17] li bih dik il-Qorti ċaħdet talba magħmula mill-appellata biex jitħassar fil-konfront tagħha Mandat ta' Inibizzjoni li l-appellant kien ħareġ kontriha u kontra żewġha l-appellat sewwasew biex iħares il-pretensjoni tiegħu f'din il-kawża. L-appellant iżid jgħid li ma jistax ikun li l-appellata ma kellha x'taqsam xejn mas-self magħmul lil żewġha, ladarba hija kienet laqgħet in-notifika ta' ittra uffiċjali li kien bagħtilha f'Novembru tal-2005, li kien sitt xhur qabel fetaħ din il-kawża. Isemmi li, wara li l-appellata laqgħet in-notifika tal-imsemmi att ġudizzjarju, u biex teħles mir-responsabbiltà li taf li kellha lejh, f'Jannar tal-2006 resqet flimkien mal-appellat żewġha fuq kuntratt ta' separazzjoni tal-beni fuq liema att id-dar taż-żwieġ tal-istess appellati għaddiet fuq isimha. Itenni li l-appellata, minkejja n-notifika lilha tal-att ġudizzjarju, naqset ukoll li tieħu f'waqtu r-rimedju mogħti lilha mil-liġi[18] biex tattakka l-

[17] Rik. Nru. 319/06LFS tat-28.6.2006 dwar talba għat-tħassir ta' Mandat ta' Inibizzjoni
[18] Art. 1326(3) tal-Kap 16

kitba privata tal-kostituzzjoni ta' debitu, u b'hekk ġabet l-effett li l-komunjoni tal-akkwisti kienet tgħabbiet bid-dejn li żewġha daħal għalih;

21. Illi l-appellati ma ressqu l-ebda sottomissjoni dwar dan l-aggravju fir-Risposta tal-Appell tagħhom;

22. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju jistħoqqlu stħarriġ. Kienu l-appellati li, fit-tielet eċċezzjoni tagħhom, kienu qanqlu l-kwestjoni li s-self *brevi manu* magħmul mill-attur (l-appellant) kien sar mingħajr il-kunsens tal-appellata Maria Sonia Żahra u għalhekk kull self bħal dak ma setax jitqies li huwa dejn tal-komunjoni tal-akkwisti li, sa żmien dak is-self, kienet għadha tirregola ż-żwieġ tagħhom. Il-kitba ta' kostituzzjoni ta' dejn kienet saret fid-29 ta' Marzu, 2005, u fuqha kien deher biss l-appellat Massimo Żahra. F'Jannar tal-2006, l-appellati kienu resqu fuq att pubbliku ta' separazzjoni tal-beni li bih xoljew il-komunjoni tal-akkwisti li kellhom bejniethom u d-dar taż-żwieġ kienet messet lill-appellata. Għall-kuntrarju ta' dak li jallega l-appellant fl-aggravju tiegħu, l-ewwel Qorti ma ħelsitx lill-appellata Maria Sonia Żahra mir-responsabbiltà u lanqas ma qieset id-dejn maħluq bħala wieħed li ma tweġibx għalih il-komunjoni. Kemm hu hekk, l-ewwel Qorti sabet li, f'biċċa mis-somma misselfa, dan kien jikkonsisti f'self magħmul mill-appellat Massimo Żahra b'rabta ma' att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ għall-finijiet tal-liġi[19], liema att jista' jsir

[19] Art. 1324 tal-Kap 16

minn wieħed biss mill-miżżewġin imma li jgħabbi lill-komunjoni. Dwar dak id-dejn, is-sentenza appellata tagħmilha ċara li "l-intimata hija responsabbli solidalment ma' l-intimat favur ir-rikorrent għall-imsemmi dejn". Imbagħad, fir-rigward ta' dik il-parti tad-dejn li jgħabbi l-komunjoni, l-ewwel Qorti kienet sabet li l-appellata kienet ħallset lill-kreditur appellant somma akkont b'ċekk;

23. Illi madankollu, l-ewwel Qorti sabet li l-appellant naqas li jipprova li s-self kollu magħmul minnu lill-appellat kien jaqa' taħt il-kappa ta' għemil li seta' jsir minn wieħed mill-miżżewġin waħdu. Għalhekk, sabet li l-bilanċ l-ieħor ta' self kien dejn partikolari tal-appellat Massimo Żahra għaliex is-self ma sarx bis-sehem ta' martu wkoll. Hija sewwasew dwar din il-konklużjoni milħuqa mill-ewwel Qorti li din il-Qorti jidhrilha li għandha tqis dan l-aggravju tal-appellant;

24. Illi ma hemmx dubju li l-għemil li bih parti fiż-żwieġ tislef jew tissellef il-flus (minbarra d-depożitu ta' flus f'kont f'bank)[20] huwa magħdud mil-liġi bħala att ta' amministrazzjoni straordinarja. Dan inissel miegħu konsegwenzi fil-liġi wkoll għal min jidħol f'att bħalu. Kemm hu hekk, il-liġi trid li għemil bħal dak imiss liż-żewġ miżżewġin flimkien[21], sakemm dak

[20] Art. 1322(3)(f) tal-Kap 16
[21] Art. 1322(2) tal-Kap 16

is-self ma jkunx att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni ta' dik il-parti li tkun isselfet jew silfet[22];

25. Illi fejn għemil ta' tmexxija straordinarja jsir minn waħda biss mill-miżżewġin u mingħajr l-għarfien – imqar taċitu – tal-parti miżżewġa l-oħra, dak l-għemil xorta waħda jkun jgħodd[23]. Imma jekk għemil bħal dak kien jikkonsisti fi trasferiment jew f'ħolqien ta' jedd rejali jew personali fuq ġid immobbli, jew jekk kien jikkonsisti f'ħolqien b'titolu gratuwitu ta' jeddijiet rejali jew personali fuq ħwejjeġ mobbli, għemil bħal dak ikun jista' jitħassar fuq talba tal-miżżewweġ li mingħajr il-kunsens tiegħu ikun sar dak l-att[24]. Kull għemil ieħor li jmissu jsir miż-żewġ miżżewġin flimkien imma li jsir minn miżżewweġ wieħed ma jistax jitħassar, iżda jingħata lill-parti li tħalliet barra milli tagħti l-kunsens tagħha l-jedd li ġġiegħel lill-parti li mexxiet waħedha li tirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti jew, jekk dan ma jkunx jista' jsir, li tagħmel tajjeb għad-dannu mġarrab mill-parti miżżewġa li ma tkunx tat il-kunsens tagħha[25]. Ukoll fejn huwa mogħti li parti miżżewġa tista' titlob it-tħassir ta' għemil ta' amministrazzjoni straordinarja, dan irid isir fi żmien limitat[26], li jista' jitqassar għal tliet xhur jekk il-parti li ma tkunx tat il-kunsens tagħha jintbagħtilha att ġudizzjarju biex jgħarrafha bit-twettiq tal-għemil li jkun[27];

---

[22] Art. 1324 tal-Kap 16
[23] App. Ċiv. **1.6.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Claudette Gauċi vs Paolo Bonniċi Ltd et***
[24] Art. 1326(1) tal-Kap 16
[25] Art. 1326(5) tal-Kap 16.
[26] Art. 1326(2) tal-Kap 16
[27] Art. 1326(3) tal-Kap 16

26. Illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru tqum il-kwestjoni dwar jekk għemil straordinarju li jsir minn jew bl-għarfien ta' waħda biss mill-partijiet miżżewġin u li dwaru ma ssirx kawża għat-tħassir tiegħu jgħabbix xorta waħda lill-komunjoni tal-akkwisti daqslikieku kien għemil li sar mit-tnejn[28], jew jekk jgħabbix biss lill-ġid parafernali tal-parti miżżewġa li waħedha tkun għamlitu[29]. Il-liġi tgħid liema huma d-djun magħmulin minn persuna miżżewġa li jgħabbu lill-komunjoni tal-akkwisti li tkun teżisti bejn dik il-persuna u s-sieħeb jew sieħba tagħha. Dawk iċ-ċirkostanzi huma tassattivi u l-liġi tagħmilha ċara li huma dawk id-djun "biss"[30] li jgħabbu 'l-komunjoni;

27. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma tressqet l-ebda prova dwar l-iskop li għalih l-appellat issellef mingħand l-appellant (tneħħi dik il-biċċa mis-self li ntużat għax-xiri ta' tagħmir marbut man-negozju tal-appellant u li l-ewwel Qorti qisitu li jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1324 tal-Kodiċi[31]). Kien jaqa' fuq l-appellant li juri li dak id-dejn sar għal

---

[28] Ara, per eżempju, App. Ċiv **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Buġeja vs Publius Micallef et***

[29] Ara, per eżempju, P.A. GCD **15.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***John Cassar vs Francis Manġion et***; App. Ċiv. **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Frendo et vs Anġlu Żahra pro et noe***; u P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Angela DeMarco vs David DeMarco et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell **1.6.2007**)

[30] Art. 1327 tal-Kap 16

[31] App. Inf. PS **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia et vs Richard Attard et***

xi waħda miċ-ċirkostanzi tassattivi msemmija fil-liġi[32] jew li juri li dak id-dejn sar għall-ħtiġijiet tal-familja tal-appellati[33];

28. Illi l-fatt li l-appellati resqu fuq kuntratt ta' separazzjoni tal-beni ma jinċidi bl-ebda mod dwar din il-kwestjoni għaliex id-dejn pretiż mertu ta' din il-kawża nħalaq qabel ma sar dak il-kuntratt u għalhekk dik il-firda tal-ġid ma setgħetx titħaddem b'effett b'lura minn dakinhar li sar il-kuntratt. Lanqas ma tinbidel il-qagħda bil-fatt li l-appellata Maria Sonia Żahra ma fetħitx kawża biex twaqqa' s-self magħmul minn żewġha, għaliex b'daqshekk biss ma jibdilx il-fatt li hija ma tatx il-kunsens tagħha meta d-dejn sar u lanqas jissarraf f'xi sura ta' kunsens tagħha biex dak id-dejn jorbot lill-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejnha u bejn żewġha l-appellat;

29. Illi, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li saru, din il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel Qorti qatgħet sewwa meta qalet li dik il-parti tad-dejn likwidat li ma kienx maħsub biex jiffinanzja t-tagħmir tal-arja kundizzjonata ma kienx jgħabbi lill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn l-appellati, imma kellu jitħallas lura mill-appellat Massimo Żahra, bil-mod li jibqgħu bla mittiefsa l-jeddijiet tal-appellant f'każ li l-ġid partikolari tal-appellat debitur ma jiswiex biżżejjed biex jissodisfa l-ħlas imsemmi[34];

---

[32] App. Inf. PS **10.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***J & E Griscti Ltd vs Jesmond Sant et***
[33] App. Inf. PS **12.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***GO p.l.c. vs Nadine Roxanne Pace Wismayer et***
[34] Art. 1329(1) tal-Kap 16

30. Illi għaldaqstant, lanqas dan l-aggravju ma jixraq jintlaqa';

***Decide:***

31. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-attur u għalhekk tikkonferma għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Settembru, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-**ispejjeż** ta' dan l-appell kontra l-istess appellant, b'dan li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif determinati fis-sentenza appellata

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm